AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà PTA 1533 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • http://www.ohsa.org.mt
VAT No: MT 1664-1504

# Stqarrija għall-Media

13 ta' Lulju 2016

## Paġna ta' Facebook għall-OHSA

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) nediet il-paġna tagħha ta' *Facebook* ftit tal-ġimgħat ilu.

Permezz ta' din il-paġna, l-OHSA se tkun qed tikkomunika b'mod aktar faċli bil-għan li twassal informazzjoni utli u f'waqtha dwar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol lil kull min għandu nteress fis-suġġett.

Kull min jidħol fil-paġna OHSA Malta se jkun jista' wkoll jibgħat kummenti u lmenti lill-OHSA. L-OHSA hija kommessa li tagħti l-attenzjoni xierqa lil kull kumment u lment li tirċievi. Sa llum l-OHSA diġà ħadet azzjoni dwar numru ta' lmenti li twasslu lilha permezz ta' *Facebook*.

L-OHSA tawgura li l-paġna ta' *Facebook* tagħha tintuża sabiex il-pubbliku u l-imsieħba soċjali jżommu ruħhom aġġornati bl-aħħar żviluppi fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jaqraw stqarrijiet maħruġa minnha kif ukoll jikkomunikaw u jaqsmu informazzjoni ma' persuni u entitajiet oħra.

Idħlu fuq OHSA Malta fuq Facebook u agħmlulna Like

-tmiem-